MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Numru. 258/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Victor Aquilina**

**Spettur Jesmond J Borg**

**VS**

**Brian Joseph Mangion, iben Joseph u Carmen nee' Bartolo, imwieled Tal Pieta' nhar l-24 ta' Marzu, 1968, residenti fil-fond numru 36, Valparisio, Triq il-Habbiez, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 156168M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Brian Joseph Mangion,** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar erba’ (4) xhur:

a. Forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-Disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmnifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. U aktar talli biegh jew xort’ohra ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fis-17 ta’ Marzu, 2010 u fil-jiem ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew biccha minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
d. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fis-17 ta’ Marzu, 2010 u fis-sena u tlitt xhur ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar erba’ xhur, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-

1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Dott L Quintano LL.D., nhar il-25 ta' Gunju, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 7);

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 6).

Rat fl-ewwel lok ix-xhieda tal-pulizija nvestigattiva. Aktar tard l-Ufficjali Prosekuturi waslu biex jitressaq l-imputat.

L-**Ispettur Jesmond J Borg** qal illi hu kien gie nfurmat dwar l-arrest ta' tliet persuni in konnessjoni mad-droga – Dylan Mallia, Clayton Schembri, u Leon Caruana. Qal illi l-pulizija kienu sabu fuq dawn madwar gramma cannabis u pakkett rizla. Xehed illi hu kien kellem lil Clayton Schembri u lil Leon Caruana. Qal in succint illi Leon kien qallu li kien xtara zewg pakketti ta' gramma-il wiehed – wahda ghalih u l-ohra ghal Dylan, dan minghand Brian Joseph Mangion. Ikkomnfermalu li l-mobile ta' dan kien immarkat fuq il-mobile tieghu bhala WW u kellu n-numru 79806472. Qallu li kien xtara l-cannabis minghand dan sitta (6) jew seba' (7) darbiet. Zied l-Ispettur illi kemm Clayton kif ukoll Dylan u certu Leon (mitkellem mill-Ispettur Victor Aquilina), kienu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Ikkonferma li dwar dan kien gie mitkellem Brian Joseph Mangion u saret anke Inkjesta.

Ezebixxa l-istqarrija ta' Brian Joseph Mangion bhala Dok BJM a folio 70, u l-ircevuta tal-oggetti mehuda minghand l-imputat bhala Dok JJB1 a folio 73.

Xehed ukoll l-**Ispettur Victor Aquilina**. Spjega li l-pulizija kienet qed issegwi l-movimenti tal-imputat, u li waqt din l-osservazzjoni l-pulizija sabet go vettura b'kollox ghaxar (10) grammi haxixa suspettata cannabis - disa' (9) grammi ghalihom, u gramma(1) ohra. Qal illi ghalhekk ingabet l-ufficju din il-persuna li spjegat li kienet ghadha kif tiltaqa' ma' persuna maghrufa bhala l-Kajzer li fuq il-mobile tieghu kien immarkat bl-isem Qormi SM, jigifieri Qormi Smoke li

kellu mobile 79806472 (Dok MB, cellulari tal-imputat). Ikkonferma dan Nathan Farrugia anke l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Qal illi l-ghada tkompliet din l-osservazzjoni u din id-darba gew segwiti certu Dylan Mallia, Leon Caruana, u Clayton Schembri. Qal illi hu kellem lil Dylan Mallia, ikkonferma li anke dan kien igguramenta x-xhieda tieghu.

Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat, wara li Mangion gie moghti d-dritt li jikkonsulta l-Avukat tieghu, mehuda lilu kemm mill-Ispettur Borg u mill-Ispettur Aquilina, qal illi d-droga misjuba ghandu - xi ghaxar (10) grammi f'erba'(4) boroz, haxixa cannabis f'kull wahda, xi zerriegha tal-qanneb, bicca raza tal-cananbis, boroz tal-plastic godda, xi boroz b'kantunieri maqtugha, zewg sachets zghar bi tracci ta' sustanza kannella, tliet skieken u zewg rouches, kienet kollha ghall-uzu personali tieghu. Qal illi hu kien heba l-borza tal-cannabis f'cooker hood, pero kien jiehu hu minnhom. Innega li hu jbiegh id-droga. Insista li kien juzaha ghall-uzu personali tieghu. Qal illi boroz minn dawk li sabulu kien ihallas ghalihom mija u ghoxrin Ewro (€120), dawn skondtu kienu jservuh hmistax(15). Innega li hu qatt biegh l-smack. Innega li hu qatt partat xi borza.

Dwar is-sachets bit-trab kannella li nstabu, qal illi dawk ma kinx jaf x'inhuma u li kienu ngabru minn mal-art.

Innega li hu kien jaqdi bid-droga.

Ghajjar giddieb lil min qal illi hu kien ibiegh l-eroina.

<u>**PS 579 Antoine Micallef**</u> minn naha tieghu qal illi hu flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra tad-Droga, waqqfu vettura fejn it-Take Off ta' Hal Luqa. Fiha qal illi kien hemm tliet persuni – Dylan Mallia, Leon Caruana, u certu Schembri. Qal illi minn hawn il-pulizija elevat borza b'haxixa (suspettata) fiha minn fuq il-persuna ta' Mallia.

Zied illi aktar tard flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra marru fil-fond Val Parisio, 36, Triq il-Habbiez, Hal Qormi, fejn kien joqghod l-imputat. Wara tfittxija fil-kamra tas-sodda ta' dan gew elevati tliet skieken, imqass, bicca foil zghira li kien fiha zerriegha fiha, u boroz tal-plastic trasparenti godda. Jghid illi

elevaw ukoll mobile phone minn fuq il-komodina. Minn fejn il-hood tal-cooker giet elevata borza li kien fiha erba'(4) boroz kontenenti suspettata haxixa. Jghid illi dawn l-affarijiet elevati gew mghoddija lill-Ispettur Jesmond Borg u lill-Ispettur Victor Aquilina.

**PC 364 David Borg** xehed illi fit-tftittxija li assista ghaliha fir-residenza 36, Val Parisio, Triq il-Habbiez, Qormi - tfittxija li saret fil-presenza tal-imputat , fuq il-microwave nstabet bicca sustanza zghira kannella suspettata raza tal-cannabis u gewwa l-hood tal-kcina sab erba' (4) boroz b'kontenut suspettat cannabis grass. Spjega li dawn il-boroz sabhom fit-top cupboard fuq il-hood tal-kcina. Qal illi fuq il-hood kien hemm bicca struttura zghira tal-injam. Hu qalaghha fejn kien hemm skondtu kaxxa ohra tal-injam tghatti l-hood. Go fiha qal illi kien hemm il-borza. Hu gibed l-istess borza.

Gew ezebiti ghalhekk l-istqarrijiet imsemmija, dawk guramentati ta' Dylan Mallia, Clayton Schembri, u Leon Caruana.

**Dylan Mallia** quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal illi filghodu kien gie mwaqqaf mill-pulizija u kien tahom borza cannabis. Ikkonferma li qabel hu kien hareg minn vann illi fih bhala xufier kien hemm wiehed maghruf bhala l-Pans u li iehor li kien jismu Clayton.

Qal illi filghodu kien maghhom fil-vann, u li l-Pans offrielu li jwasslu l-ETC. Waqt illi kienu fil-vann il-Pans qallu li kien sejjer jixtri l-smoke. Jghid illi ma kinx jaf minn fejn kien sejjer jixtri dan. Talbu biex jixtrulu u baqa' sejjer maghhom. Wasslu Hal Qormi. Qal illi ta lil Pans tletin Ewro (€30) sabiex jixtrilu l-cannabis. Jghid illi tah karta ta' ghoxrin Ewro (€20) u ohra tal-ghaxar Ewro (€10). Jghid illi l-Pans hareg minn gol-vann, pero ma jafx fejn mar. Jghid illi rega' gie lura wara ghaxar (10) minuti, tah borza zghira bil-haxixxa cannabis go fiha. Qal illi ma kinx jaf jekk Clayton kinx konxju ta' dak illi kien qieghed jigri. Qal illi meta waslu Birzebbuga, waqfu t-Take Off Bar, ried jixtri rizla u hawn gie mwaqqaf mill-pulizija.

Qal illi l-Pans kellu jaghtieh ghoxrin Ewro (€20) ghax kellu jhallsu ta' pillola ecstasy. Qal illi hu ma kinx jaf minn fejn kienet ser tinxtara d-droga cannabis.

Viva voce qal illi kien iltaqa' ma' siehbu Leon u bdew jitkellmu biex jixtru l-haxixa u b'hekk marru Hal Qormi. Qal illi hu ta l-flus lil Leon biex jixtrilu. Zied illi Leon kien qieghed isuq. Tah tletin Ewro (€30) u ta' dan tah borza. Ikkonferma illi kienet il-hmistax(15)-il darba li kien xtara l-haxixa.

**<u>Leon Caruana</u>** minn naha tieghu xehed illi Clayton kien cempillu biex iwasslu ghax-xoghol. Ikkonferma li kellu jaghti ghoxrin Ewro (€20) lil Clayton ta' ecstasy. Qal illi Clayton staqsieh kinx jaf lil xi hadd li kellu l-smoke, wiegbu iva. Marru Hal Qormi, talab tletin Ewro (€30) lil Clayton. Cempel lil dak illi kien jinqeda minghandu, u staqsieh kinx id-dar. Wiegbu fl-affermattiv. Qal illi lil dan habbatlu l-bieb, fetah, tah sittin Ewro (€60), u tah zewg (2) grammi.

Ikkonferma li fuq il-mobile tieghu dan kellu contract number imnizzel bhala "WW". Ikkonferma li n-numru tieghu kien 79806472 (allura l-imputat, vide Dok MB).

Qal illi minghand dan fi zmien tlitt (3) gimghat inqeda madwar sitta (6) jew seba' (7) darbiet. Xehed illi kien jixtri darbtejn(2) fil-gimgha u kien jaqdieh, kull gramma hamsa u ghoxrin Ewro (€25).

Gharaf id-Dok JB1, muri lilu bhala l-persuna li kien jinqeda minghandu. Dan juri mmagni tal-imputat Brian Joseph Mangion.

Viva voce quddiem din il-Qorti ghazel illi ma jixhidx biex ma jinkriminax lilu nnifsu.

**<u>Clayton Schembri</u>** minn naha tieghu kkonferma li hu u Leon kienu hbieb hafna. Ikkonferma li kien cempillu biex iwasslu ghax-xoghol. Qal illi anke marru d-dar ta' Leon u mar wiehed illi hu ddeskriva bhala z-zghir. Minn hemm marru Hal Qormi. Qal illi kif marru jixtru xi haga mitt-Take Off, waslu l-pulizija u arrestawhom.

Ikkonferma li kif waslu Hal Qormi, iz-zghir (Dylan ghalina) ghadda tletin Ewro (€30) lil Leon. Sema' li ried wahda, pero ma kinx jaf xiex! Ikkonferma li darba li Leon dahal fil-vann, ghadda xi haga lil Dylan, pero anke hawn ma kinx jaf x'kienet.

Ikkonferma li kif waslu Hal Qormi, Leon cempel lil xi hadd u staqsieh kinx id-dar biex jaqdieh. Qal illi Leon nizel mill-vann u ftit sekondi wara wasal lura.

Ghalkemm kien ittella' biex jixhed viva voce quddiem din il-Qorti, dan gara meta l-istqarrija guramentata tieghu kienet ghadha ma gitx ezebita. Qatt ma rega' ngab mill-Prosekuzzjoni jew intalab in kontro ezami tieghu, darba ezebita l-istqarrija guramentata.

Ittella' jixhed anke certu **<u>Nathan John Farrugia</u>** – anke dan kien irrilaxxa stqarrija guramentata, u xehed kif inghad viva voce quddiem din il-Qorti. Qal fl-istqarrija li meta hu gie mwaqqaf fiz-Zurrieq mill-pulizija, instabu fuqu hdax(11)-il gramma cannabis grass illi kienet maqsuma disgha punt erbgha(9.4) gramma ghalih go borza tal-plastic trasparenti, u wiehed punt tlieta(1.3) grammi ghaliha li kienet imkebba go foil.

Spjega li hu kien ghadu kif biddel gramma minn tieghu ma' gramma ohra ta' tip iehor li pogga gol-fidda. Qal illi kien biddilha meta mar Hal Qormi ma' wiehed illi kienu jghidulu l-Kajzer. Qal illi kien ilu jaf lil dan ghal erba'(4) xhur.

Zied ukoll illi dan il-Kajzer kien imnizzel fuq is-SIM tieghu bhala Qormi SM. Qal ukoll illi kien xtara coke minghand dan ghall-ewwel darba erba'(4) xhur qabel. Wara kull darba kien jixtri ghaxar (10) grammi. Qal illi b'kollox xtara xi tliet(3) darbiet, pero zied illi d-darba li nqabad kien mar ibiddel, cioe' jpartat id-droga. Qal illi kien il-Kajzer illi filghodu kien qallu biex imur u jiehu gramma ghal hamsa u ghoxrin Ewro (€25).

Qal illi hu lil dan il-Kajzer kien icempillu fuq il-mobile, u dan jitolbu biex imur id-dar. Zied illi kull meta cempillu dejjem kellu d-droga. Iddeskriva anke l-fond tar-residenza tal-imputat, stante li kien jinqeda minn din ir-residenza. Qal ukoll illi kien anke dan il-Kajzer jizen id-droga quddiemu u gieli d-droga kienet tkun ippakkjata lesta go borza tal-plastic normali. Ghalih "*.....lunch bag ta' ghaxar(10) grammi.*" (folio 262).

Qal illi hu ghal tliet darbiet ta lill-imputat mitejn u hamsin Ewro (€250) tad-droga. Zied illi hu xtara biss cannabis minghand l-imputat, u li partat id-droga mieghu darba biss.

Ikkonferma wkoll in-numru ta' dak illi hu kien isib bhala l-Kajzer – 79806472.

Iddeskriva l-mizien li kien jara lilu jizen id-droga fuqu bhala wiehed iswed bil-kliem kulur id-deheb u digital. Gharaf ukoll minn ritratti Dok VA1 u Dok VA2, lil Kajzer.

**<u>Clayton Schembri</u>** aktar tard rega' kkonferma li hu kien gie nvestigat fuq xi droga. Qal illi kien cempel habib tieghu biex iwasslu ghax-xoghol, dan kien certu Leon. Qal ukoll illi mar maghhom anke certu Dylan. Zied illi dan Leon nizel minn gol-vann, dam ghal perjodu qasir – xi minuta. Zied illi ma kinx jaf fejn mar. Ikkonferma pero li qabel nizel Leon minn gol-vann, bejn Dylan u Leon ghaddew tletin Ewro (€30), cioe' Dylan tahom lil Leon. Ma semax diskors bejniethom. Ra wkoll illi Leon, darba li rritorna, kien ta xi haga lil Dylan.

Ikkonferma wkoll ix-xhieda guramentata tieghu fejn anke qal illi kif waslu Hal Qormi Leon cempel lil xi hadd u staqsieh jekk kinx qieghed id-dar.

**Josef Juan Cauchi** (folio 295 – 342), li wkoll irrilaxxa xhieda guramentata (Dok AE1 a folio 295), xehed anke viva voce. Ikkonferma dan il-mobile number tieghu 79820906 jew ta' ommu 79240762. Ikkonferma (bi tqanziegh), illi kien gie nvestigat pero stante li kien ghadu ma gix imressaq fuq l-investigazzjoni ta' droga, allura din il-Qorti waqqfitu milli jkompli jixhed viva voce.

Fl-istqarrija dan Cauchi qal illi flimkien ma' certu Marvic, hu kien minn Ghawdex mar Malta biex ifittxu l-smack. Iltaqa' fil-kazin ta' Hal Qormi ma' certu wiehed Brian li skondtu kienu jghidulu l-Gyzer (Kajzer). Xtraw jghid tliet(3) grammi, sussegwentement tnejn(2) ohra. Fil-kumplament ix-xhieda tieghu kienet tikkoncerna varji ndividwi ohra, kollha nvoluti fl-ambjent u tehid tad-droga.

Aktar tard, maghluqa issa l-kawza tieghu, dan Cauchi xehed viva voce. Ikkonferma li fost l-ohrajn kien jixtri minghand certu Brian Mangion bil-laqam Gyzer (ghalih). Kien jixtri minghandu l-smack. Qal illi ltaqa' ma' dan Hal Qormi, u li biex jinqeda kien icempillu fuq ic-cellulari. Gharaf lill-imputat. Ikkonferma wkoll dak illi kien qal fl-istqarrija guramentata tieghu.

Zied ukoll illi hu minghand dan il-Gyzer, smack – eroina, hu kien xtara xi erba' (4) darbiet.

Minn naha tieghu l-**Ispettur Dennis Theuma** prezenta Dok DT – sentenza fil-konfront tal-istess imputat illi hu gharaf. Din hi sentenza li biha l-imputat fid-data tal-25 ta' Gunju, 2007, gie kkundannat piena ta' prigunerija ta' seba' (7) xhur sospizi ghal erbatax(14)-il xahar.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' **PS 612 Theo Vella** u r-ritratti hemm annessi u kontenuti.

Rat il-compodium tal-assi redatt minn **Dr Alexandra Mizzi**, Dok AM.

Rat senjalament ir-relazzjonijiet prezentati minn **Dr Martin Bajada**, appozitament nominat, Dok MB a folio 128, u Dok MB1 a folio 397.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-phone books li jidhru fuq ic-cellulari ta' tlieta minn nies – l-imputat cioe' 79806472; Leon Caruana 99858142, u Nathan John Farrugia 79961637, fejn jidher fuq dak ta' Caruana b'referenza ghall-imputat l-isem WW. Minn naha ta' Farrugia jirreferi ghall-imputat bhala Qormi SM, u l-imputat ghal Farrugia bhala Ta' Zuziq - dan apparti ghall-messaggi li gew estratti mill-istess espert tekniku.

Rat in partikolari r-relazzjoni ta' **Godwin Sammut** fejn fil-konfront tas-sustanza misjuba, ikkonkluda illi:

"

a. *Illi fl-estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar illi hemm fid-dokumenti 097_10_01, 097_10_02, 097_10_03, u 097)10_04 instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol****. Il-piz tal-haxix ta' lewn ahdar kien ta'* ***44.80grammi****. Is-sustanza Tetrahydrocannbinol hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Il-prezz tal-Cannabis herb kull gramma huwa ta' €13 (ara Appendici I). Dan il-valur huwa mehud mill-2007 Malta National Report to the EMCDDA li huwa l-ahhar rapport li pprezentat Malta. Il-piz total tal-Cannabis herb huwa ta' 44.80 grammi li jaghti valur ta' €582.40.*

c. *Illi fuq estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 097_10_04 instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol****. Il-piz tas-sustanza kien ta'* ***0.27 grammi*** *u l-purita' kienet ta' circa* ***9.0%****. Is-sustanza Tetrahydrocannibol hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Il-prezz tal-Cannabis resin kull gramma huwa ta' €6.41 (ara Appendici I). Dan il-valur huwa mehud mill-2007 Malta National Report to the EMCDDA li huwa l-ahhar rapport li pprezentat Malta. Il-piz total tal-Cannabis herb huwa ta' 0.27 grammi li jaghti valur ta' €1.73.*

e. *Illi fuq estratti mehuda mill-reefers li hemm fid-dokument 097_10_04 instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol****. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

f. *Illi germination tests li saru fuq iz-zerriegha li hemm fid-dokument 097_10_04 rrizulta fin-negattiv.*”

Rat ukoll il-Counter Order mibghuta mill-Avukat Generali biex l-imputat jigi gudikat minn Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat ukoll illi d-Difiza qatt, moghtija diversi differimenti, ma ressqet ebda provi taghha, sa ma fl-ahhar iddikkjarat illi ma kellha ebda prova. Dan pero wara li l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputat seta’ jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Certament mix-xhieda, dokumenti, u analizi prodotti, jirrizulta ferm car il-konoxxenza tal-imputat ma’ Dylan Mallia, Leon Caruana, Nathan John Farrugia, Clatyon Schembri, u Josef Juan Cauchi. Certament il-konoxxenza taghhom ma’ dan kienet dik fid-dinja tad-droga – l-imputat biegh u jissipluxxi lilhom. Clayton jixhed dwar xiri ta’ haxixa minn Hal Qormi - dan anke Leon. Nathan Farrugia jixhed dwar l-akkwist ta’ cannabis minghand il-Kajzer – l-imputat. Josef Juan Cauchi minn naha tieghu jitkellem dwar l-akkwist ta’ smack, eroina, minghand l-imputat.

Izid ukoll fir-rigward tax-xhieda guramentata, illi jirrizulta mill-atti kif gia’ premesss illi Leon Caruana ma tax ix-xhieda tieghu vivca voce minhabba biza’ ta’ inkriminazzjoni.

Ghalhekk giet prezentata biss l-istqarrija guramentata tieghu. Certament il-fatt illi dan ghazel illi ma jixhidx issa viva voce, prekluda lid-Difiza mill-kontro ezami; **pero (enfasi tal-Qorti)**. Ghalkemm xhieda hekk mehuda hija certament ammissibbli (Art 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) din il-Qorti, considerando dan espost, certament mhix qed tistrieh fuq dik ix-xhieda bhala wahda singulari. Din ix-xhieda fil-fatt hija kkonsidrata wkoll minn din il-Qorti fl-assjem ta’ dak kollu lilha prodott u ghax certament hija ben korraborata minn fatti u evidenza ohra rizultanti, u dan il-Qorti qed tghidu konxja mid-decizjonijiet bhal “Pulizija vs Pierre Gravina” datata 26 ta’ Mejju, 2003, Appell Kriminali Nferfuri, fejn xhud mhux kontro ezaminat kien l-uniku xhud.

Illi certament, ftit ghandha xi tghid il-Qorti, anke considerando li kif kien drittu, l-imputat innega dak allegat lilu mix-xhieda akkwirenti d-droga minghandu. Bla dubbju ta’ xejn, ghalkemm xi whud minnhom - ix-xhieda, kienu xi ftit reluttanti, kienu cari taghhom tad-droga minghand l-imputat u gharfuh bla tlaqlieq.

Illi tenut dan kollu, il-Qorti m’ghandha ebda dubbju fir-rigward tal-htija tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat:

GN 292/1939; Reg 4 tal-1939; l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; ir-Raba’(4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikoli 22(2)(b) u 22(1B) tal-imsemmi Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta’ Malta; l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, ikkonsidrat ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante d-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u ghalhekk u rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tqis illi stante l-frekwenza li kien ibiegh id-droga biha u l-varjeta’, ghandu jbati piena karcerarja effettiva ta’ erba’ (4) snin;

Tikkundanna ukoll ghall-multa fl-ammont ta’ sebat elef Ewro (€7,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ elfejn tliet mija u erbgha u erba’ Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€2,304.74)

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha misjuba, ezebita u mmarkata KB226.2010 u dan taht l-awtorita’ tar-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------